MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 160/2006

**A**

**-vs-**

**1) B**

**2) Direttur tar-Reġistru Pubbliku;**

**3) Kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-interess tal-minuri X**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Mejju, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti kien iżżewweġ lill-intimata B fit-22 ta' Ottubru, 1994 skond ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat Dok. "A";

2. Illi huwa ilu sseparat *de facto* minn ma' martu mis-sena 2003 u fil-fatt hu kien telaq mid-dar matrimonjali għall-ħabta ta' Novembru 2003, u l-konjuġi ilhom jgħixu ħajja separata minn din id-data u dan skond kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Illi fil-15 ta' Diċembru, 2005 l-intimata B welldet tifel, bl-isem X, skond ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. "B" u fil-kolonna intitolata "tagħrif dwar missier it-tarbija" tniżżel l-isem tar-rikorrenti kif ukoll id-dettalji kollha relattivi tiegħu bħala riżultat tad-dikjarazzjoni li għamlet ir-rikorrenti B;

4. Illi dan il-wild huwa l-frott ta' relazzjoni li l-intimata kellha ma' terza persuna li l-identita' tiegħu m'hijiex magħrufa mir-rikorrenti, stante li hu ilu ma jkollu relazzjonijiet intimi ma' martu minn qabel ma telaq id-dar matrimonjali;

5. Illi fil-fatt ir-rikorrenti lanqas kien jaf li martu kienet tqila għaliex hi qatt ma għarfitu b'dan l-istat ta' fatt – anzi għamlet minn kollox biex ħbietlu t-tqala tagħha u sar jaf biss reċentement li hi kellha tarbija minn terza persuna – u dan kif ser jiġi spjegat aktar fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi l-intimata B ammettiet li hi kellha relazzjoni ma' terza persuna, u sostniet li peress illi hi ma kinitx legalment separata minn ma' żewġha hi ma kellhiex triq oħra ħlief li tirreġistra l-wild il-ġdid f'isem ir-raġel tagħha (ara ittra mibgħuta mill-konsulent legalli tagħha hawn annessa u mmarkata Dok. "C");

7. Illi pero' l-intimata B naqset li tagħti d-dettalji tal-missier naturali tat-tarbija X hawn fuq imsemmi lil żewġha r-rikorrenti;

8. Illi għalhekk jeħtieġ issir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri X hawn anness u mmarkat Dok. "B" fis-sens li d-dettalji tar-rikorrenti fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "missier mhux magħruf" jew bid-dettalji tal-missier naturali ta' l-imsemmi wild, jekk l-identita' tiegħu tiġi stabbilita fil-mori tal-kawża, anke jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;

9. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant jgħidu l-intimati għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi għal kull fini u effetti kollha tal-liġi li l-imsemmi rikorrenti A m'huwiex il-missier naturali tal-minuri X Cardona li twieled fil-15 ta' Diċembru, 2005 skond ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. "B", iżda huwa t-tifel naturali ta' terza persuna li s'issa l-identita' tagħha m'hijiex magħrufa, u dan anke jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li għalhekk hemm lok għall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri hawn anness u mmarkat Dok. "B" f'dan is-sens;

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi l-att tat-twelid ta' X numru mitejn ħamsa u ħamsin (255) tas-sena elfejn u sitta (2006) billi fil-kolonna intestata "tagħrif dwar missier it-tarbija" fejn jinsabu mniżżla l-konnotati tar-rikorrenti, issir emenda sabiex is-sitwazzjoni attwali tiġi rispekkjata korrettement fl-istess att, u minnflok id-dettalji tar-rikorrenti jitniżżlu l-kliem "missier mhux magħruf" jew alternattivament jitniżżlu okkorendo d-dettalji tal-missier naturali jekk dawn jirriżultaw mill-provi miġbura waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u fil-kolonna intestata "tagħrif dwar l-omm" jiġu kanċellati l-kliem "*the said*".

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni tagħhom.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Settembru, 2006 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-14 ta' Settembru, 2006 li permezz tagħha d-Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossignaud nomine esponew bir-rispett:

1. Illi b'digriet tat-18 ta' Lulju, 200, huma ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-minuri X

2. Illi huma għad ma kellhomx żmien biżżejjed biex jiksbu aktar informazzjoni fuq dan il-każ u għalhekk m'humiex edotti mill-fatti tal-każ odjern.

3. Illi għalhekk huma jirriżervaw li jeċċepixxu ulterjorment.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2006 li permezz tagħha l-konvenuta B esponiet bir-rispett:

1. Illi hija kienet miżżewġa lill-attur A, iżda lura fl-2003 hu abbanduna d-dar matrimonjali u beda relazzjoni ma' terza persona.

2. Illi l-partijiet ilhom *de facto* separati sa mis-sena 2003. Illi minkejja kull tentattiv min-naħa tal-konvenuta sabiex il-partijiet jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, l-attur baqa' intransiġenti b'mod assolut biex jersaq għal kuntratt ta' separazzjoni personali.

3. Illi wara li l-attur abbanduna d-dar matrimonjali u beda relazzjoni ma' terza persona l-konvenuta kellha relazzjonijiet ma' persuni oħra. Illi fil-15 ta' Diċembru, 2006 hija welldet tarbija. Illi t-tarbija ma huwiex il-wild naturali ta' l-attur.

4. Illi peress li l-attur baqa' qatt ma resaq għal kuntratt ta' separazzjoni personali, il-partijiet legalment baqgħu jidhru mhux separati. Illi konsegwentement l-attriċi ma kellha ebda triq oħra ħlief li tirreġistra lit-tarbija fuq l-attur.

5. Illi hija ma għandhiex issofri l-ispejjeż proċedurali ta' din il-kawża.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat id-dokument a fol 39 tal-proċess u cioe' ir-riżultanzi ta' test xjentifiku (DNA) illi jindika li l-attur ma jistax ikun missier il-minuri msemmi, liema dokument ġie debitament maħluf.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob dikjarazzjoni li t-tarbija li kellha l-konvenuta fiż-żmien imsemmi u cioe' meta l-partijiet kienu separati de facto hija ta' ħaddieħor. F'dan il-każ apparti l-ammissjoni tal-konvenua fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha hemm ir-riżultanzi xjentifiċi li jindikaw mingħajr l-iċken dubbju li l-attur ma jistax ikun missier it-tarbija.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża *multa magis* minħabba t-test tad-DNA. Għandu jingħad li l-kawża ġiet intavolata mill-attur eżatt fit-terminu preskritt mill-Artiklu 73 (c) tal-Kap. 16 u cioe' fiż-żmien sitt xhur *minn dak in-nhar li jikxef il-qerq jekk it-twelid kien ġie lilu moħbi.* F'dan il-każ ġiet intavolata eżatt sitt xhur wara t-twelid.

Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku din ġiet sorvolata għaliex fil-mori tal-kawża saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-Artiklu 254.

**Il-Qorti għalhekk fl-ammissjoni tal-konvenuta tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għalhekk;**

**1. tiddikjara li l-minuri X li twieled fil-15 ta' Diċembru, 2005 m'huwiex il-wild naturali ta' l-attur iżda ta' missier mhux magħruf;**

**2. tilqa' t-tieni talba.**

**3. tilqa' t-tielet talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuta eccetto dawk ta' l-espert tad-DNA li għandhom jibqgħu kif miftiehem fil-verbal ta' l-10 ta' Novembru, 2006.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------